**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 7 ta' Lulju 2022**

**<u>Rikors nru : 306/2022 AGV</u>**

**OB**

**Vs**

**MD**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-rikors Guramentat ta` OB  datat 1 ta' Gunju  2022 ;**

Tesponi bir-rispett:

1. Illi il-partijiet izzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

2. Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati mis-sena elfejn u dsatax ( 2013 ) u de jure separati permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Familja datata it-3 ta' Dicembru 2019 (Ara Dok B anness) ;

3. Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom *de facto* separati mis-sena elfejn u dsatax (2013), illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;

4. Illi ai termini tas-sentenza fuq citata, l-intimat iddekada mid-dritt tieghu li jircievi manteniment minn ghand ir-rikorrenti; madanakollu z-zewg partijiet  huma indipendenti minn xulxin, fis-sens illi ghandhom l-impjiegi taghhom;

5. Illi ghalhekk ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta` Malta;

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-risposta ta ' MD  datata 8 ta' Lulju 2022 ;**

1. Illi l-esponenti jaqbel mal-premessi fir-rikors gurametat tal-attrici ;
2. Illi hu ma ghandux oggezzjoni  illi jinghata d-divorzju.

<u>DECIDE:</u>

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**